Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2091

Kaz Numru 2560/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Simon Tonna

U

L-Ambaxxata Amerikana f'Malta

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ingusta

Illum 11 ta' Lulju 2011

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 13 ta' Frar 2008 mill-Avukat Dr. Anglu Farrugia fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Simon Tonna maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Anglu Farrugia u ghall-Ambaxxata Amerikana deher Joe Fsadni assistit minn Dr. Hugh Peralta.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Simon Tonna fejn stqarr li dam erba' xhur bla xoghol fejn wara beda jahdem mat-Topaz Hotel. Xehed li ma kienx ha sick leave mhux aktar mis-soltu u li kellu xi warmings imma dawn kienu mis-sena 2006.

Rega xehed Simon Tonna fejn qali li kien jahdem bhala Security officer mal-Ambaxxata Amerikana u beda jahdem fit-18 ta' Novembru 2001. Xehed li kien jiehu s-sick leave meta vera kellu bzonn. Il-gurnata tat-tkeccija kien hassu hazin u intbghat id-dar. Kien ilu jahdem hemm ghall-aktar minn sitt snin mal-Ambaxxata. Wara t-tkeccija beda jbati mid-depression. Hass li kien iddedikat lejn ix-xoghol tieghu u kien mahbub minn kulhadd. Jiftakar illi kien imkecci minn Mr. Grenn. Jispecifika illi gie imkecci l-ghada li telaq mix-xoghol ghax kien qieghed ihossu "dizzy". Jiftakar ukoll illi kien gie penalizzat tlett ijiem minghajr paga f'Dicembru 2007 talli kien hazzez xi haga fuq il-log book tal-Ambaxxata.

Giet sottomessa Affidavit ta Joseph Fsadni li t-Tribunal ha konjizzjoni taghha.

Xehed Joseph Fsadni in kontro-ezami tal-Affidavit tieghu u hu jahdem bhala Special Investigator mal-Ambaxxata. Stqarr li kien investiga lill-Simon Tonna xi erba' snin ilu u mhux recentement. Qal ukoll illi t-tifel ta' Derrick Green li kien il-Commander l-Ambaxxata dahal jahdem l-Ambaxxata l-gdida bhala security Guard u dan gie impjegat ma tnejn u tletin nies ohra u dan wara hames xhur li tkecca Simon Tonna. Stqarr li Simon Tonna ftit li xejn kien jaccetta li jifferma l-warnings. Qal ukoll illi wara intbghatat it-tabiba id-dar tieghu sabitu tajjeb ghax-xoghol u xorta ma attendiex ghax-xoghol. Spjega ukoll id-diversi incidenti tas-sick leave fejn skond hu Simon Tonna kien jabbuza. Xehed illi Simon Tonna kien zbaljat meta kellem lill-Joanne Micallef ghax ma kinetx xoghol dik il-gurnata u ma kinetx hi li haditu d-dar imma local guard.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li fuq iz-zewg nahat kien hemm nuqqas serju ta' xhieda li sethu jitfghu aktar dawl fuq il-kaz ta' Simon Tonna. Wiehed jippretendi illi n-nies li semmghu fix-xhieda taghhom tressqu sabiex jikkorobraw dak li qalu

iz-zewg xhieda pincipali. Tenut kont ta' dan it-Tribunal xorta irid jghaddi ghad-decizzjoni fuq il-provi li gew imressqa.

Dan it-Tribunal jinnota illi Simon Tonna ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu anzi kien zbaljat diversi drabi specjalment meta irrispionda li l-ahhar warning kien fis-sena 2006 meta fis-sena 2007 kellu sospensjoni mix-xoghol ghal zmien tlett ijiem. Jidher ukoll illi l-ilment principali tal-Ambaxxata Amerikana kien in-nuqqas ta' kooperazzjoni ma shabu u n-nuqqas ta' team spirit bil-konsegwenza li kien iharbat r-roster tieghu u ta' shabu kontinwament. L-aktar haga importanti ghat-Tribunal kien il-fatt li meta t-tabiba rraportat li kien tajjeb gahx-xoghol l-ghada huma ma dahalx ghax-xoghol u dan fl-opinjoni tat-Tribunal juri bic-car in-nuqas ta' interess fix-xoghol tieghu mal-principal tieghu u li ma jhalliex ebda dubbju f'mohh l-Arbitru dwar x'kien l-animu ta' Simon Tonna.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-noti ta' sottomissjonijiet jiddikjara li l-Ambaxxata Amerikana kien gustifikata li kecciet lill-Simon Tonna mill-post tax-xoghol tieghu li kellu u li ghalhekk it-tkeccija kienet gusta.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan ir-rikors bl-ispejjes kontra is-socjeta Simon Tonna.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros (euros 93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju